# EPITHALAMION

*Fiż-żwieġ tas-Sur G. Zarb Adami*
*ma' Miss Lina Lanzon.*

Sabiħ il-ward tal-ħajja, sbejħa d-dija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin !
Kollox ifuħ taħt il-bews taż-żgħożija
Fit-trieq li t-tnejn mexjin !
Tgħix qalbkom hienja fl-oħla ħolm ta' mħabba
Li, bħal nixxiegħa, jtuq u qatt ma jxabba'.

"Sliem, ferħ, u għaqda!" dawn li ssibu mkebbsa
Fit-trieq li t-tnejn mexjin!
Għożżuh il-ġid. Jum jisbaħ: fi ħdan ommha
Tidħak, b'għajnejn ħelwin,
Tarbija, wiċċ il-ġmiel: tkun l-hena tagħkom,
Għax demm ta' demmkom; lejn Alla terfagħkom.

Min ħabb, le ma sogħ'b bih; min bagħ'd, itbekka,
Mitrud sa mill-bnedmin:
Fl-imħabba l-għaqda, u fil-għaqda l-ħajja,
Fit-trieq tas-sebħ mexjin;
U d-dawl ħanin li rabat imħabbitkom,
Id-dawl ħanin, jimxi ma' tul ħajjitkom.

20—1—38.

ĠUŻE CHETCUTI